MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2015

Numru. 330/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**VS**

**DAVID GRECH**
**(ID Nru.: 353080M)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 330/2011**

Illum, 7 ta` Lulju, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi David Grech, detentur tal-karta tal-identita` numru 353080 (M).

**Akkuzat talli:**

F'Dicembru 2010 u fix-xhur ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz jew ta` kwalifiki foloz, jew billli inqeda b'qerq iehor, ingann, hjew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha ufuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta` sitt elef u sebgha u ghoxrin ewro (€6,027), u/jew oggetti li jikkonsistu f'xorb alkoholiku u inbid ghad-detriment tas-socjeta` **NM Arrigo Limited**.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta` haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` oggetti li jikkonsistu f'xorb alkoholiku u inbid liema oggetti ghandhom valur ta` sitt elef u sebgha u ghoxrin ewro (€6,027), ghad-detriment ta` **NM Arrigo Limited**.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310 (1) (a), 293 u 294, 17, 23, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti semghet is-sussegwenti xhieda:

1. Spettur Maurice Curmi, li spjega l-investigazzjoni tieghu ghall-kaz u kif wasal ghall-imputat fuq rapport ta` rapprezentant tad-ditta NM Arrigo Limited. Esebixxa wkoll l-istqarrija tal-imputat fejn huwa jammetti li hareg *cheque* ta` sitt elef u sebgha u ghoxrin ewro (€6,027) in pagament ta` dak dovut minnu lil **NM Arrigo Limited**

ghall-konsenja ta` inbid u *whiskey* lilu kkunsinat. Jammetti wkoll illi l-kont li fuq hareg ic-*cheque* kien maghluq meta huwa hareg dan ic-*cheque.*

2. <u>Romwald Attard</u>, rapprezentant tal-**BOV** illi xehed illi l-kont illi fuqu hareg ic-*cheque* in pagament kien maghluq fis-sittax (16) ta` April 2008. Anzi, zied jghid illi dan il-kont mhux ezattament kien maghluq izda nbidel f'*loan account* minn *overdraft account* meta finalment inghalaq fil-wiehed u ghoxrin (21) ta` Marzu 2011 bhala *bad debt account*. Ic-*cheque* in pagament kien hareg f'Dicembru 2010 u mhux suppost hareg.

3. <u>Dr. Joseph Arrigo</u>, ghan-nom tad-ditta **NM Arrigo Limited** illi kkonferma r-rapport tieghu lill-awtoritajiet investigattivi u l-ammont dovut lis-socjeta ` minnu rraprezentata li huwa ta` sitt elef u sebgha u ghoxrin ewro (€6,027). Dana r-rapport kien gie mqanqal wara *cheque* mahrug mill-imputat in pagament ma giex onorat.
4. <u>Adrian Magro</u>, impjegat tas-socjeta` **NM Arrigo Limited**, illi ha l-ordni tal-inbid u *whiskey* minghand l-imputat.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-verbal taghha tat-tmienja (8) ta` April 2014 fejn iddifferiet dina l-kawza ghal-llum ghas-sentenza *in difetto ostacolo* wara li l-imputat ghazel illi dina l-kawza tigi deciza sommarjament minn dina l-Qorti fis-seduta tat-tmintax (18) ta` Gunju 2013 wara li waslu l-artikoli mill-Avukat Generali, *vide* nota tat-tmintax (18) ta` Gunju 2014. Illi wara it-tmienja (8) ta` April 2014 dina l-Qorti ma rceviet l-ebda document iehor minghand il-partijiet.

Illi *ex admissis* l-imputat ammetta l-htija tieghu fl-istqarrija volontarja, kif iddikjara l-avukat difensur tieghu stess fis-seduta tal-hamsa (5) ta` Dicembru 2011, illi kien hu li hareg ic-*cheque* in kwistjoni in pagament ghal kont pendenti li huwa kellu mas-socjeta` **NM Arrigo Limited** *ben sapendo* li l-kont tieghu kien sprovvist minn fondi. Dan kien ghamlu konsapevoli li dak il-kont kien wiehed ta` *loan* u mhux ta` *overdraft*. Ix-xhieda l-ohra sempliciment jikkorraboraw dina l-verzjoni tal-fatti li ta l-imputat.

**Ghal dawn il-motivi:**

Dina l-Qorti m'ghandha l-ebda alternattiva ohra hlief li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant tikkundannah sena (1) prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin ai terminu tal-

Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, kif ukoll tordna lill-istess imputat, David Grech, ihallas is-somma ta` sitt elef u sebgha u ghoxrin ewro (€6,027) fi zmien sitt (6) xhur mil-llum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------